

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 261/2015****tat-30 ta' Ottubru 2015****li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE
[2017/1050]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/984 tal-24 ta' Ġunju 2015 li japprova l-piritijom tar-ram bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 21 ⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/985 tal-24 ta' Ġunju 2015 li japprova l-klotijanidin bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 18 ⁽²⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (3) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punti li ġejjin jiddaħħlu wara l-punt 12zzz (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/744) tal-Kapitolu XV tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

"12zzza. **32015 R 0984:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/984 tal-24 ta' Ġunju 2015 li japprova l-piritijon tar-ram bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 21 (ĠU L 159, 25.6.2015, p. 43).

12zzzb. **32015 R 0985:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/985 tal-24 ta' Ġunju 2015 li japprova l-klotijanidin bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 16 (ĠU L 159, 25.6.2015, p. 46)."

*Artikolu 2*It-testi tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/984 u (UE) 2015/985 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2015, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

*Artikolu 4*Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Ottubru 2015.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Oda SLETNES

⁽¹⁾ ĠUL 159, 25.6.2015, p. 43.⁽²⁾ ĠUL 159, 25.6.2015, p. 46.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.